# LECTIO DIVINA

# II ĦADD TAR-RANDAN (B)

**Mk 9:2-10**

Il-KUNTEST tas-silta hu l-ħames taqsima tal-Vanġelu skont San Mark (8:27-10:52) li jiffoka fuq l-identità ta' Ġesù fid-dawl tal-mewt u l-qawmien tiegħu f'Ġerusalemm. Il-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni titqiegħed fl-ewwel minn tliet partijiet ta' din it-taqsima – kull parti tibda bit-tħabbira ta' Ġesù lid-dixxipli tal-passjoni, mewt u qawmien tiegħu. L-istqarrija ta' Pietru: «Inti l-Messija» (*Mk* 8:29) tiddawwal fl-għotja ta' Bin il-bniedem, u l-glorja tiegħu trid tiġi kkontemplata permezz tas-Salib.

### Sitt ijiem wara

*Mk* joffri dettall kronoloġiku (xi ħaġa rari fil-Vanġelu tiegħu) ta' «sitt ijiem wara» minn bejn l-ewwel tħabbira tal-passjoni u l-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni. Dan l-intervall temporali jista' jkun alluzzjoni għall-Patt tar-Rabta l-Qadima, jiġifieri għaż-żmien li matulu «d-glorja tal-Mulej strieħet fuq il-muntanja tas-Sinaj, u s-sħaba ksietha għal sitt ijiem; u fis-seba' jum il-Mulej sejjaħ lil Mosè minn ġo nofs is-sħaba» (*Eż* 24:16). Jista' jirreferi wkoll għas-sitt ijiem tal-ħolqien: fis-sitt jum Alla joħloq lill-bniedem li hu msejjaħ għall-mistrieħ tas-seba' jum (cfr *Ġen* 1:31-2:3; *Mk* 2:27). Permezz tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu, il-bniedem jista' jidħol fil-mistrieħ ta' «jum il-Mulej, jum kbir u glorjuż» (*Atti* 2:20 | *Ġoel* 3:4): «Alla għażel mill-ġdid jum ieħor – "illum" – [...] Nfittxu mela nidħlu f'dan il-mistrieħ, biex ma jkunx hemm min jaqa' bħalhom fuq l-eżempju tal-ebusija tagħhom» (*Lhud* 4:7.11). Minbarra dan, fl-istruttura ta' *Mk*, il-mewt ta' Ġesù fuq is-salib isseħħ fis-sitt jum minn dakinhar li jidħol Ġerusalemm (cfr *Mk* 11:1) – id-dixxiplu hu msejjaħ biex fuq il-passi tal-Imgħallem jagħmel dan il-vjaġġ li jwasslu għall-għarfien veru ta' Kristu (cfr *Mk* 15:39) permezz ta' proċess ta' bidla, ta' "trasfigurazzjoni" ta' ħajtu.

### Ġesù ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni

It-tliet Appostli huma magħżula biex ikunu qrib Ġesù u jikkontemplaw is-setgħa tal-qawmien mill-imwiet (it-tifla ta' Ġajru, *Mk* 5:37), il-glorja tal-Iben l-għażiż (trasfigurazzjoni), u l-biża' u d-dwejjaq tal-passjoni (Ġetsemani, *Mk* 14:33). Id-dixxiplu hu l-magħżul sabiex jikkontempla l-umiljazzjoni u l-eżaltazzjoni ta' Bin il-bniedem u hekk jidħol aktar fil-fond tal-identità tiegħU. Din l-għażla hija frott l-imħabba ħielsa tal-Mulej – mhijiex ibbażata fuq merti partikolari. Infatti, Pietru kien għadu kemm ġie mċanfar minn Ġesù u msejjaħ «xitan» għax ma jaċċettax l-ewwel tħabbira tiegħU (cfr *Mk* 8:33). Wara t-tielet tħabbira tal-passjoni, «ulied Żebedew» jitolbu lill-Imgħallem il-prestiġju li joqogħdu wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug tiegħu (cfr *Mk* 10:37). L-idea ta' Messjaniżmu trijonfali mbiegħed mis-Salib u t-tentazzjoni ta' tfittxija ta' glorifikazzjoni personali kuntrarja għal-loġika tal-umiljazzjoni u tal-għotja għall-qadi tal-oħrajn, kienu preżenti fit-tnax u hija reazzjoni li nsibuha wara kull tħabbira – anki wara t-tieni darba li Ġesù jgħidilhom x'kien mistenni għalih, id-dixxipli «jitħaddtu bejniethom fuq min kien l-akbar» (*Mk* 9:34).

**tellagħhom weħidhom fuq muntanja għolja, u tbiddel quddiemhom.**

Il-muntanja – ġeneralment identifikata mat-Tabor qrib Nażaret – huwa l-post tat-teofanija. Huwa Ġesù li *jtella'* lid-dixxipli biex ikunu jistgħu jaraw il-glorja tal-Mulej. Il-muntanja hija l-post fejn il-Mulej jipprovdi (cfr *Ġen* 22:14): jagħti l-wegħda (cfr *Ġen* 22:16-18), jagħti ismu (cfr *Eż* 3:14), jagħti l-Kelma (cfr *Eż* 31:18), jagħti missjoni ġdida (cfr *1Slat* 19:11-15), jagħti s-sejħa (cfr *Mk* 3:13), jagħti t-tagħlim u t-twissijiet (cfr *Mk* 13:3), jagħti lilu nnifsu (cfr *Mk* 15:22). Fuq il-muntanja Ġesù *jibdel il-forma tiegħu* (gr. μεταμορφοω tr. *metamorphóō*). It-tibdil ma jwassalx biex Ġesù isir persuna oħra – jibqa' l-istess Ġesù. Hija bidla li turi l-glorja tad-divinità preżenti fl-umanità ta' Ġesù u permezz tiegħu aħna «li b'wiċċna mikxuf nirriflettu bħal f'mera l-glorja tal-Mulej, qegħdin ninbidlu fl-istess xbieha minn glorja għal glorja skont ma jagħtina l-Mulej, li hu Spirtu.» (*2Kor* 3:18)

**Ilbiesu sar abjad u jgħammex b'dija tal-għaġeb: ebda ħassiel fid-dinja ma jista' jġib il-ħwejjeġ bojod daqshekk.**

Il-bjuda li tgħammex tirreferi għall-glorja divina tax-«Xiħ fl-għomor» li jara l-profeta Danjel (7:9). Din il-glorja mhix frott idejn il-bniedem («ħassiel», x'aktarx tas-suf tan-nagħaġ) imma ta' Alla. Id-dixxiplu hu msejjaħ biex ixidd fuqu l-libsa «xogħol ta' Alla» sabiex «il-ġisem li jmut jinxtorob mill-ħajja» (cfr *2Kor* 5:1-4). Hu d-demm tal-Iben għażiż li jaħsel u jbajjad l-ilbies tal-bnedmin mifdija sabiex jidħlu u joqogħodu wieqfa quddiem it-tron u quddiem il-Ħaruf (cfr *Apok* 7:9.14). L-impenn tad-dixxiplu hu li ma jħalli xejn itebbagħlu l-libsa tas-salvazzjoni: "N., inti sirt ħolqien ġdid u lbist 'l Kristu. Qis li din il-libsa bajda tkun għalik sinjal tad-dinjità tiegħek. Bil-għajnuna tal-kelma u l-eżempju ta' qrabatek, żommha fuqek bla tebgħa sal-ħajja ta' dejjem." (*Rit tal-Magħmudija*)

**U dehrilhom Elija ma' Mosè, jitkellmu ma' Ġesù.**

Elija, missier il-Profeti, jidher ma' Mosè, missier il-Liġi. It-tnejn li huma ma daqux il-mewt bħall-bqija tal-bnedmin: Elija tela' s-sema b'karru tan-nar (cfr *2Slat* 2:11), filwaqt li l-*midrash* issostni li meta l-Qaddis temm jitkellem ma' ruħ Mosè li ma riditx tħalli lill-qaddej ta' Alla, allura Hu qabad ruħ Mosè "permezz ta' bewsa minn fommu" hekk li Mosè miet fl-art ta' Mowab fuq fomm il-Mulej. Minn *Lq* nafu li t-tlieta jitkellmu fuq «it-tmiem ta' ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerusalemm» (*Lq* 9:31). L-Iskrittura kollha – il-Liġi u l-Profeti – jsibu t-twettiq tagħhom fi Kristu (cfr *Lq* 4:21; 24:27).

**Qabad Pietru u qal lil Ġesù: «Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda għal Elija.» Dan qalu għax ma kienx jaf x'jaqbad jgħid bil-biża' kbir li waqa' fuqhom.**

Quddiem din il-viżjoni ta' glorja, id-dixxipli jinħakmu mill-biża' għall-preżenza tal-Mulej: «Għax il-Mulej, l-Għoli, hu tal-biża'» (*S* 47:3; 68:36; 76:8.12; 89:8). Madanakollu, in-Nisrani hu msejjaħ sabiex jitgħallem il-biża' tal-Mulej li aktar milli toħloq fih distanza li tifirdu minn Alla (bħalma s-*sagru* kien delimitat b'mod ċar u jifred il-bniedem mill-Mulej), pjuttost tqarrbu lejn il-Qaddis peress li fi Kristu huwa mċarrat il-velu tas-Santwarju u issa l-bniedem jista' jersaq lejn Alla: «Imma intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon u lejn il-belt ta' Alla l-ħaj, li hi Ġerusalemm tas-sema; rsaqtu lejn eluf ta' anġli f'ġemgħa ferrieħa; lejn il-ġemgħa tal-ulied ewlenin li isimhom hu miktub fis-sema; lejn Alla l-imħallef ta' kulħadd; lejn l-erwieħ ta' nies tajba u perfetti; lejn Ġesù l-medjatur ta' patt ġdid; u lejn id-demm imraxxax tiegħu li jitkellem b'mod aqwa minn dak ta' Abel» (*Lhud* 12:22-24). Infatti huwa fl-Iben li tidher il-*glorja tal-Mulej* (cfr *Ġw* 1:14), huwa s-*shekinah* – it-Tinda, il-Preżenza ta' Alla – fost il-bnedmin, «il-ministru tas-santwarju u tat-tabernaklu veru li hu magħmul mill-Mulej u mhux mill-bnedmin» (*Lhud* 8:2; 9:11-14; *Apk* 21:3). Pietru jagħraf li dak li qed jikkontempla huwa

«sabiħ» (gr. καλος tr. *kalós*: properly, beautiful, but chiefly [figuratively] good [literally or morally] i.e. valuable or virtuous). Iżda hu fid-dawl tal-qawmien li jasal biex jifhem li s-sabiħ huwa Kristu li jingħata fil-passjoni u l-mewt umiljanti tas-Salib, sabiex jirxoxta rebbieħ u glorjuż.

**Imbagħad ġiet sħaba u għattiethom, u minn ġos-sħaba nstama' leħen jgħid: «Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu.»**

Is-sħaba tindika l-preżenza ta' Alla (cfr *Eż* 16:10). Hija preżenza li toffri direzzjoni (cfr *Eż* 13:21); tagħti ħarsien u kenn lill-bniedem għax "iddellel" fuqu (*S* 121:5-6); u tipprovdi l-ħajja (cfr *1Slat* 18:45; *Lq* 1:35). Bħalma ġara dakinhar tal-Magħmudija, hekk issa l-Missier isemma' leħnu u jsejjaħ lil Ġesù «Ibni l-għażiż» (*Mk* 1:11). Iżda din id-darba l-leħen jindirizza direttament lid-dixxipli – ir-rieda tal-Missier hija li d-dixxiplu jagħti widen lill-Ibnu, dak li permezz tiegħu Hu qalilna kollox (cfr *Lhud* 1:2). It-twettiq ta' din ir-rieda torbotna ma' Kristu b'mod aktar intimu mir-rabtiet tal-ġisem (cfr *Mk* 3:35; *Ġw* 1:13). Dak li hu ċentrali fl-episodju tat-Trasfigurazzjoni mhijiex tant id-dehra glorjuża tal-Iben li kienet tantiċipa l-glorja tal-qawmien, imma s-sejħa tal-Missier biex id-dixxiplu jisma' lill-Ibnu l-għażiż. Mhux biżżejjed li wieħed *jara* lil Iben, imma li *jisma' minnu* – infatti l-fidi awtentika titlaq mill-kontemplazzjoni tal-persuna konkreta ta' Ġesù, li narawh u nisimgħuh (cfr *Lumen fidei* 29-31). Is-smigħ attent iwassal għall-*bidla interjuri* (tal-fehma, tal-qalb) li tagħmilna xhieda ta' Dak li jġedded kollox (cfr *Apk* 21:5). "Il-Kelma ta' Alla tagħmel mixja fil-ħajja tagħna. Nisimgħuha b'widnejna u tgħaddi għall-qalb tagħna; ma tibqax fil-widnejn, trid tinżel fil-qalb; u mill-qalb tgħaddi għad-dirgħajn, għall-opri tajba." (FRANĠISKU, *Udjenza ġenerali* 31 JAN 2018).

**Minnufih taw ħarsa madwarhom, u ma raw lil ħadd iżjed magħhom ħlief lil Ġesù waħdu. Huma u neżlin minn fuq il-muntanja, tahom ordni biex ma jitkellmu ma' ħadd fuq li kienu raw qabel ma Bin il-bniedem ikun qam mill-imwiet. Huma żammew kollox moħbi, iżda bdew jistaqsu lil xulxin x'ifisser tqum mill-imwiet.**

L-esperjenza tat-trasfigurazzjoni hija waħda Paskwali u tiftiehem biss f'rabta mal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet. Hu fid-dawl tal-Irxoxt li jilma l-misteru ta' Kristu u li jsir possibli li d-dixxipli jagħrfuh bħala l-Mulej u jmorru jxandruh (cfr *Mk* 16:19-20). Mingħajr din l-esperjenza ta' Kristu Msallab u Rxoxt, id-dixxipli jibqgħu fid-dlam tan-nuqqas ta' għarfien, bir-riskju li flok *jinbidlu* f'appostli tal-Mulej, *jinbidlu* f'«appostli foloz, ħaddiema qarrieqa» li jxandru «Ġesù ieħor» u «Evanġelju ieħor» (cfr *2Kor* 11:1-15).

**Għar-riflessjoni**

*Ħares u kkontempla* l-wiċċ tal-Imħabba Misluba, li llum mis-salib tissokta ġġorr it-tama; driegħ miftuħ għal dawk li jħossuhom imsallbin, li f'ħajjithom qed iħossu t-toqol tal-fallimenti, tad-diżappunti u tad-delużjonijiet.

*Ħares u kkontempla* l-wiċċ konkret ta' Kristu mislub, mislub għall-imħabba ta' kulħadd bla esklużjoni. Ta' kulħadd? Iva, ta' kulħadd. Li tħares lejn wiċċu hi l-istedina kollha tama ta' dan iż-żmien tar-Randan biex tista' tirbaħ fuq ix-xjaten tal-qtigħ il-qalb, tal-apatija u tar-rassenjazzjoni. Wiċċ li jistedinna biex ngħajtu: is-Saltna ta' Alla hi possibbli!

FRANĠISKU, *Omelija* (Ras ir-Randan, 14 FEB 2018).